# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF MIRIAM HAYMAN LL.D.

### Seduta tallum l-Erbgħa 30 ta' April, 2025

**Rikors ġuramentat nru.: 510/19MH**

**Numru: 1**

**Matthew Dale Love**

**Vs**

**Kurt Galea Pace u**

**Vivien Galea Pace**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors ta' l-attur Matthew Dale Love** datat 6 ta' Diċembru, 2024[1] fejn ir-rikorrenti spjega illi stante li issa skontu rriżulta li l-intimata hi parteċipanti ma' binha l-konvenut l-ieħor fl-appalt mertu ta' din il-kawża, jinħtieġ li ssir korezzjoni

[1] Folio 539

fir-rikors ġuramentat biex jiġi rifless dan. Għalhekk gie mitlub is-segwenti korrezzjoni fir-rikors ġuramentat;

> *"…illi wara l-premessa numru tlieta (3) fl-att promotur jiġu inseriti s-segwenti :*
>
> *3A illi l-intimat Kurt Galea Pace kien jinforma lill-esponenti li l-intimata Vivien Galea Pace kienet sħab fin-negozju miegħu u fil-fatt il-kontijiet bankarji tal-istess intimata fejn l-esponenti ħallas parti mill-flejjjes għall-appalt, kienu intestati f'isem "Vivienne Galea Pace - Architectural Designers" li hija l-isem jew id-ditta li kien jopera biha l-intimat Kurt Galea Pace meta ġie inkarigat mil-intimat;*
>
> *3B Illi fil-waqt li inizjalment il-kuntratt ta' appalt ġie ffirmat bejn l-esponent u l-intimat Kurt Galea Pace, kif ser jiġi ppruvat, l-intimata Vivien Galea Pace kienet parteċipi fin-negozju mal-intimat Kurt Galea Pace u/jew fl-appalt li l-intimat Kurt Galea Pace kien qed jeżegwixxi għall-esponenti;"*

Talab ukoll illi wara t-talba numru tlieta fir-rikors ġuramentat jiġu inseriti u miżjuda s-segwenti talbiet;

> *"3A Tiddikjara illi l-appalt mertu tal-kawża huwa tterminat u li ġie hekk itterminat nhar is-17 ta' Diċembru, 2018 jew f'data verjuri li tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti;*
>
> *3B Tiddikjara illi l-intimata Vivien Galea Pace kienet parteċipi mal intimat Kurt Galea Pace fin-negozju operat bl-isem "Architectural Designers" u/jew fl-appalt li l-intimat Kurt Galea Pace kien qed jeżeġwixxi għall-esponent, u li konsegwentement l-intimata Vivien Galea Pace hija solidalment responsabbli mal-intimat Kurt Galea Pace fl-obbligi tiegħu versu l-esponenti u għall-konsegwenzi kollha riżultanti mill-inadempjenza tal-istess obbligi."*

Rat ir-risposti taż-żewġ intimati konvenuti għal din it-talba ai termini ta' l-artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Da parti ta' Vivienne Galea Pace fir-risposta tagħha opponiet għat-talba kif spjegata.[2] Tinsisti li l-attur se jikkalpesta d-drittijiet tagħha li tiddefendi ruħha, li bit-talbiet mitluba hu qed jagħmel tip ta' *fishing expedition*, ukoll illi dak mitlub li jiġi miżjud se jibdel is-sustanza ta' l-azzjoni.

Il-konvenut l-ieħor Kurt Galea Pace wkoll jopponi t-talba[3] primarjament fuq il-premessi illi fir-rikors ġuramentat promotur qatt ma ġie msemmi li l-konvenut daħal f'kuntratt ta' appalt ma' Vivien Galea Pace. Oltre jinsisti wkoll illi ġialadarba qed tintalab dikjarazzjoni illi l-appalt ġie terminat, dan se jibdel is-sustanza tal-azzjoni.

Ikkunsidrat:

L-artikolu li taħtu tista' ssir din l-emenda fir-rikors ġuramentat huwa l-175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Jaqra:

> *"175.(1) Il-qorti tista', f'kull waqt tal-kawża, qabel is-sentenza, wara talba ta' waħda mill-partijiet, wara li tisma' meta jeħtieġ lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermettitibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jiżdied jew jitneħħa l-isem ta'waħda mill-partijiet u jitqiegħed ieħor floku, jew billi jissewwa żball fl-isem tal-*

[2] Folio 546.

[3] Folio 549

*partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża."*

Huwa miżmum illi din l-emenda hija maħsuba biex jiġi ffrankat ripetizzjoni ta' kawżi u ċans ta' nuqqas ta' uniformita' ta' ġudizzju li jolqot l-istess vertenza.

Huwa wkoll ċar mid-diċitura tal-liġi li l-Qrati huma mogħtija diskrezzjoni wisgħa fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu pero' dejjem fil-parametri li la tinbidel is-sustanza ta' l-azzjoni u lanqas ta' xi eċċezzjoni avvanzata.

Ingħad hekk dwar dan l-artikolu fil-każ **Joseph Genovese va Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar deċiż fit-28 ta' Mejju 2013** –

*"Illi l-liġi tipprovdi dwar is-setgħa li għandha l-qorti li tordna jew tagħti li jsir bdil fl-atti fl-imsemmi artikolu 175. Fost is-setgħat, hemm dik maħsuba biex tippermetti tibdil fl-iskritturi, li jissewwa żball fl-isem ta' xi parti jew "kull żball ieħor". Dan jitħalla li jsir sakemm il-bidla ma tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża;*

*Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li tagħmel ħaqq mal-perikolu li ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;*

*Illi, meta wieħed iħares b'reqqa lejn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 175, għandu jsib li s-setgħat ta' qorti li tilqa' talba (jew ukoll li minn*

*rajha hekk tordna) biex isir bdil fl-atti hija wiesgħa tassew, u l-kliem tal-liġi sa hemm m'għandhomx għaliex joħolqu problemi ta' tifsira;*

*Illi dak li joħloq diffikulta' huwa x'tifsira għandha tingħata lill-parti tal-artikolu 175(1) li tillimita dik is-setgħa, u b'mod partikolari x'tifhem il-liġi bil-kliem "sustanza tal-azzjoni" jew x'inhi bidla fl-eċċezzjoni fuq il-mertu. Dwar din tat-tieni, ġie mfisser li l-fatt waħdu li l-iżball ikun ġie msemmi f'eċċezzjoni, ma hux ta' xkiel biex tintlaqa' talba għat-tiswija tiegħu, u dan għaliex ma jagħmilx sens li żball jista' jissewwa jekk ma tingħatax eċċezzjoni dwaru iżda ma jistax jissewwa jekk l-eċċezzjoni ssir! Għaliex eċċezzjoni li tiġbed l-attenzjoni għal żball fl-att imressaq mill-attur ma ssirx, b'daqshekk biss, eċċezzjoni fil-mertu dwar il-qofol tal-azzjoni attriċi, billi l-iżball m'huwiex il-qofol tal-azzjoni;*

*Illi għalhekk, huwa meħtieġ li wieħed jara xi trid tfisser il-liġi meta ssemmi "s-sustanza tal-azzjoni". Fil-fehma tal-Qorti, bidla ta' sustanza sseħħ meta tintalab li ssir bidla fit-talbiet tal-attur b'mod li n-natura nnifisha tal-azzjoni jew motiv ewlieni li jsejjisha, jinbidlu b'oħrajn."*

Ikkunsidrat:

Illi l-azzjoni li jressaq l-attur hija msejjsa fuq in-nuqqas ta' adempjiment da' parti tal-konvenut Kurt Galea Pace filli jesegwixxi appalt miftiehem bejnu u bejn l-attur, dan meta l-istess attur kien ħallas ġia somma sostanzjali qua korrispettiv ta' dan l-appalt. Jgħid l-attur li mhux talli l-appalt ma ġiex esegwit fl-intier tiegħu nonostante l-flejjes li ħallas lill-konvenut imsemmi, imma dak li sar ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Jsostni li hu waqqaf l-appalt, ukoll li daħal f'ċertu ammont ta' spejjeż u danni kaġun ta' hekk.

Ipoġġi wkoll bħala responsabbli f'din l-azzjoni mressqa anke lill-omm l-imsemmi Kurt Galea Pace, allura l-konvenuta Vivien, inkwantu hu fuq struzzjonijiet tal-konvenut l-ieħor, kien jew aħjar ġieli, ħallas lilha ta' dan l-appalt.

Jingħad ukoll illi l-istess attur fil-premessa numru 9 jgħid ċar li hu kien ittermina l-appalt.

Issa wara li ġiet mismugħa x-xhieda taż-żewġ konvenuti huwa avvanza din it-talba għaż-żidiet imsemmija.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi meta l-Qorti tħares lejn dak li qed jintalab li jiġi miżjud ma tarax li dan jista' jbiddel ebda sustanza ta' l-azzjoni. Il-pern jibqa' kuntratt ta' appalt bejn il-partijiet, pagamenti li saru u ġew riċevuti, u allegazzjoni li dan l-appalt ma ġiex eżegwit sew, kollu u fiż-żmien miftiehem. Hemm ukoll talbiet ta' rifużjoni ta' flejjes imħallsa żejda u danni naxxenti għan-nuqqas ta' adempjenza mal-ftehim.

**Huwa kmieni wisq u lanqas ma hu lok biex il-Qorti tgħid min u jekk hemmx responsabilta' kif allegata, u dan id-digriet b'ebda mod m'għandu jinqara hekk**.

Tlum pero' lill-attur li ma kienx ċert donnu, kif qed jallega issa, ma' min kien qed jikkontratta, jekk dan hu l-każ. Pero' hu x'inhu dak li se jirriżulta, l-ebda sustanza ta' l-azzjoni esperita mhu se tiġi mibdula.

Oltre hekk jekk tħares lejn l-eċezzjonijiet in partikolari tal-konveuta Vivien Galea Pace, tara li hi fir-raba' eċċezzjoni tagħha[4] ġia tilqa' għall-involviment tagħha, jew aħjar nuqqas tiegħu fil-ftehim bejn l-attur u binha. Għalhekk qajla se tinbidel xi eċċezzjoni fir-rigward.

**Konsegwentement qiegħda tilqa' t-talba kif dedotta tordna lid-deputat reġistratur tgħaddi biex tagħmel iż-żidiet approvati wkoll li l-attur jippreżenta mill-ġdid rikors ġuramentat biż-żidiet awtorizzati u li jkun <u>skrupuluż b'dawn iż-żidiet</u>, jinnotifika bl-istess lill-kontro-partijiet, qiegħda wkoll tawtorizza lill-konvenuti illi millum jistgħu jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri fir-rigward taż-żieda awtorizzata jekk jħossu li hu l-każ.**

**Onor. Miriam Hayman.**
**Imħallef**

**Rita Falzon**
**Dep. Reġ**

[4] Folio 151.